# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1202/2014

## tas-7 ta' Novembru 2014

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) Permezz tas-sentenzi tagħha tat-3 ta' Lulju 2014 fil-Kawżi T-155/13, T-157/13 u T-181/13 ([2]), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill li Babak Zanjani, Sorinet Commercial Trust Bankers, u Sharif University of Technology, rispettivament, jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(3) Babak Zanjani, Sorinet Commercial Trust Bankers, u Sharif University of Technology għandhom jerġgħu jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, abbażi ta' dikjarazzjoni ġdida tar-raġunijiet.

(4) Il-Kunsill iqis li r-raġunijiet għall-elenkar ta' entità waħda kif imniżżla fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 għandhom jiġu emendati.

(5) L-informazzjoni ta' identifikazzjoni marbuta ma' erba' entitajiet fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 għandha tiġi emendata.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 267/2012 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

([2]) Kawża T-155/13 Zanjani vs Il-Kunsill, sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Lulju 2014 (għadha ma ġietx irrappurtata); Kawża T-157/13 Sorinet Commercial Trust Bankers vs Il-Kunsill, sentenza tat-3 ta' Lulju 2014 (għadha ma ġietx irrappurtata); Kawża T-181/13 Sharif University of Technology vs il-Kunsill, sentenza tat-3 ta' Lulju 2014 (għadha ma ġietx irrappurtata).

*ANNESS*

I. Il-persuna u l-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jiġu inklużi fil-lista li tinsab fil-Parti I tal-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012:

I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

A. **Persuni**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 45. | Babak Zanjani | Data tat-twelid: 12 ta' Marzu 1971 | Babak Zanjani ipprovda appoġġ għall-finanzjament ta' transazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat Iranjan, li saru mill-Ministeru Iranjan għaż-Żejt, li ġie elenkat mill-UE. Barra minn hekk, huwa għen lill-Bank Ċentrali tal-Iran u lil National Iranian Oil Company (NIOC), li wkoll ġew elenkati mill-UE, fl-evażjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE.<br>Huwa kien faċilitatur għal transazzjonijiet ta' żejt Iranjani u għamel trasferimenti ta' fondi relatati maż-żejt, partikolarment permezz ta' Naftiran Intertrade Company (NICO) u Hong Kong Intertrade, li huma kkontrollati mill-Gvern Iranjan u li wkoll ġew elenkati mill-UE.<br>Barra minn hekk, huwa pprovda servizzi essenzjali lil Iranian Revolutionary Guard Corps (IRGC) billi ppermetta trasferimenti ta' fondi għall-benefiċċju ta' Khatam al-Anbiya, kumpannija li hi proprjetà tal-IRGC soġġetta għal sanzjonijiet tan-NU u l-UE. | 8.11.2014 |

B. **Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 156. | Sorinet Commercial Trust Bankers Ltd. (SCT) (magħrufa wkoll bħala: SCT Bankers; SCT Bankers Kish Company (PJS); SCT Bankers Company Branch; Sorinet Commercial Trust) | Sorinet Commercial Trust Bankers, Sadaf Tower, 3rd Floor, Suite No. 301, Kish Island, Iran<br>Sorinet Commercial Trust Bankers, No.1808, 18th Floor, Grosvenor House Commercial Tower, Sheikh Zayed Road, Dubai, UAE, P.O. Box 31988<br>Fergħa ta' Teheran: Reahi Aiiey, First of Karaj, Maksous Road 9, Tehran, Iran. Kodiċijiet SWIFT: SCERIRTH KSH (fergħa ta' Kish Island), SCTSAEA1 (fergħa ta' Dubai branch), SCERIRTH (fergħa ta' Teheran) | Sorinet Commercial Trust Bankers Ltd. hija kkontrollata minn Babak Zanjani, li huwa elenkat għar-raġuni li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz tal-faċilitazzjoni ta' pagamenti marbutin maż-żejt f'ismu. | 8.11.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Indirizz alternattiv għall-fergħa ta' Kish Island: Kish Banking Fin Activities Centre, No 42, 4th floor, VC25<br>Indirizzi alternattivi għall-fergħa ta' Dubai: (1) SCT Bankers Kish Company (PJS), Head Office, Kish Island, Sadaf Tower, 3rd floor, Suite 301, P.O. Box 87. (2) Sheykh Admad, Sheykh Zayed Road, 31988, Dubai, Port, Kish Island.<br>Numri tat-telefon: 09347695504 (fergħa ta' Kish Island)<br>09347695504/97-143257022-99 (fergħa ta' Dubai)<br>09347695504 (fergħa ta' Teheran)<br>Indirizzi tal-posta elettronika: info@sctbankers.com<br>zanjani@sctbankers.com | | |
| 161. | Sharif University of Technology | Azadi Ave/Street, PO Box 11365-11155, Tehran, Iran, Tel: +98 21 66 161<br>Posta elettronika: info@sharif.ir | Sharif University of Technology (SUT) għandha għadd ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-Gvern Iranjan li huma elenkati min-NU u/jew l-UE u li joperaw f'oqsma militari jew f'oqsma marbutin mas-settur militari, b'mod partikolari fil-qasam tal-produzzjoni u l-akkwist ta' missili ballistiċi. Dawn jinkludu: ftehim mal-Aerospace Industries Organisation, li ġiet elenkata mill-UE, fost l-oħrajn għall-produzzjoni ta' satelliti; kooperazzjoni mal-Ministeru Iranjan għad-Difiża u Iranian Revolutionary Guards Corps (IRGC) rigward kompetizzjonijiet marbuta mad-dgħajjes intelliġenti (smart boat competitions); ftehim aktar ġenerali mal-Forza tal-Ajru tal-IRGC li jkopri l-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet, il-kooperazzjoni organizzattiva u strateġika tal-Università;<br>SUT hi parti minn ftehim bejn 6 universitajiet li jappoġġa lill-Gvern tal-Iran permezz ta' riċerka marbuta mad-difiża; u SUT toffri tagħlim f'korsijiet ta' lawrja fl-inġinerija relatata mal-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) imfassla, fost l-oħrajn, mill-Ministeru għax-Xjenza. Meħuda flimkien, dawn juru li hemm rekord sinifikanti ta' involviment mal-Gvern tal-Iran f'oqsma militari jew f'oqsma marbuta mas-settur militari li jikkostitwixxi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 8.11.2014 |

II. L-entrati għall-entitajiet li jinsabu fil-Parti I tal-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 267/2012 elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

I. Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

B. **Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 8. | Sina Bank | No. 187, Avenue Motahhari Ave., Teheran, 1587998411, Iran<br>Tel: +9821 88532434-7, +9821 88532434-6<br>Posta elettronika: infor@sinabank.ir<br>Sit elettroniku: http://www.sinabank.ir/ | Sina Bank hu kkontrollat minn Mostazafan Foundation, entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej Suprem, u li għandha 84 % tal-ishma f'Sina Bank. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lil Mostazafan Foundation u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji. Għaldaqstant, Sina Bank jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz ta' Mostazafan Foundation. | 26.7.2010 |
| 27. | Power Plants' Equipment Manufacturing Company (Saakhte Tajhizate Niroogahi) | No. 10, Jahanara Alley, wara Hemmat Bridge, Abbaspour St. (preċedentement imsejħa Tavanir), Tehran, Kodiċi Postali 1435733161, Iran | subordinata għal AEOI u Novin Energy (it-tnejn elenkati taħt UNSCR 1737). Involuta fl-iżvilupp ta' reatturi nukleari. | 26.7.2010 |
| 132. | Naftiran Intertrade Company (magħrufa wkoll bħala Naftiran Trade Company) (NICO) | (a) 5th Floor, Petropars Building, No. 35 Farhang Boulevard, Snadat Abad Avenue, Tehran, Iran<br>Tel: +98 21 22372486; +98 21 22374681; +98 21 22374678;<br>Fax: +98 21 22374678; +98 21 22372481<br>Posta elettronika: info@naftiran.com<br>(b) Suite 17, Burlington House, St. Saviours Road, St. Helier, Jersey, UK | Sussidjarja (100 %) ta' National Iranian Oil Company (NIOC). | 16.10.2012 |
| 133. | Naftiran Intertrade Company Srl | Avenue de la Tour-Haldimand, 6, 1009 Pully, Switzerland<br>Tel: +41 21 3106565<br>Fax: +41 21 3106566/67/72<br>Posta elettronika: nico.finance@naftiran.ch | Sussidjarja (100 %) ta' Naftiran Intertrade Company Ltd. | 16.10.2012 |